*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

4.12.2009

Is-Sur Juan Fernando López Aguilar
Il-President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali ta':

1. il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban (COM(2009)0187 – C7–0011/2009 – 2009/0055(CNS))

2. il-Proposta għal regolament tal-Kunsill li jamenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigwad taż-Żimbabwe (COM(2009)0395 – 2009/0111(CNS))

3. il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi, u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja (COM(2009)0393 – C7–0129/2009 – 2009/0114(CNS))

Għażiż Sur López Aguilar,

B'ittra tas-16 ta' Novembru 2009, inti kkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 37(2) tar-Regoli ta' Proċedura, sabiex jeżamina l-validità u r-relevanza tal-bażijiet legali tal-proposti tal-Kummissjoni msemmija aktar 'il fuq.

Fl-ittra tiegħek, inti qanqalt mistoqsija dwar il-bażi legali, marbuta mat-tliet proposti msemmijin aktar 'il fuq. Inti għedt li l-kumitat tiegħek kien infurmat mill-Kummissjoni u mill-Presidenza Svediża li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, dawk il-proposti kienu se jkunu bbażati fuq l-Artikolu 215, li jinsab taħt it-Titolu IV "Miżuri Restrittivi" tal-Ħames


Magħquda fid-diversità

Parti “L-Azzjoni Esterna tal-Unjoni Parti” tat-TFUE . Inti żidt ukoll li skont il-bażi legali ġdida, il-konsultazzjoni mal-Parlament ma tibqax tassattiva.

Imbagħad staqsejt lill-kumitat jekk ikunx f'qagħda li jwieġeb dal-mistoqsijiet li ġejjin skont il-kompetenza tiegħu għall-mistoqsijiet dwar il-bażi legali:

"1. Meta jitieqsu l-objettiv u l-kontenut tat-tliet proposti, liema hija l-bażi legali korretta wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona?

2. Tkun tista' titqies bażi legali doppja (Artikoli 75 u 215 tat-TFUE) għal mill-anqas waħda mill-proposti?

3. Tkun tista’ tikkjarifika n-nozzjoni ta’ “konsultazzjoni fakultattiva” mal-Parlament Ewropew (wara id-“Dikjarazzjoni ta’ Stuttgart dwar l-Unjoni Ewropea” tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta’ Ġunju 1983 fejn il-konsultazzjoni fakultattiva mal-Parlament kienet ikkontemplata fi kwistjonijiet internazzjonali ukoll fejn din ma kinitx stipulata fit-Trattat)?”

*Konsiderazzjonijiet ġenerali*

L-atti kollha tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu msejsa fuq bażi legali misjuba fit-Trattat ta’ Lisbona. Il-bażi legali tiddefinixxi l-kompetenza tal-Unjoni *ratione materiae* u tispeċifika kif din il-kompetenza għandha tiġi eżerċitata, b’mod partikolari l-istrument(i) leġiżlattiv(i) li jista’/jistgħu jintuża(w) u l-proċedura ta’ teħid ta’ deċiżjoni.

Il-għażla tal-bażi legali korretta hija importanti, peress li, min-naħa l-waħda, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-għażla tal-bażi legali għandha siwi kostituzzjonali billi l-Unjoni hija ggvernata mill-prinċipju tal-konferiment tal-poteri, jiġifieri li l-Unjoni tista’ taġixxi biss fejn it-Trattat jagħtiha tali setgħa.[1] Min-naħa l-oħra, hija importanti għall-Parlament Ewropew billi tiddeterminalu r-rwol tiegħu fil-proċess leġiżlattiv.

Skont il-każistika, il-għażla tal-bażi legali ma hijiex soġġettiva. Il-każistika tistabbilixxi sett konsistenti ta’ kriterji li għandhom jiġu applikati fil-għażla tal-bażi legali t-tajba għal att partikolari. Il-għażla tal-bażi legali għandha tkun imsejsa fuq fatturi oġġettivi li jippermettu r-rikors ġurisdizzjonali, bħalma huma l-objettiv, is-suġġett u l-kontenut tal-att leġislattiv in kwestjoni.[2] *Il-fatt li istituzzjoni tkun trid tipparteċipa aktar bis-sħiħ fl-adozzjoni ta' xi miżura, ix-xogħol magħmul f'oqsma oħrajn tal-isfera ta' azzjoni koperti mill-miżura u l-kuntest li fih ġiet adottata l-miżura jkunu irrelevanti.*[3]

*Il-bażi legali proposta qabel Lisbona*

Oriġinarjament, l-Artikoli 60, 301 u 308 tat-Trattat tal-KE kienu proposti bħala l-bażi legali għat-tliet miżuri. Dan ormaj huwa biss ta’ interess storiku minħabba d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru.

Artikolu 60

*1. Jekk, fil-każijiet kontemplati fl-Artikolu 301, azzjoni mill-Komunità tiġi kkunsidrata meħtieġa, il-Kunsill jista’ skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 301, jieħu l-miżuri urġenti u neċessarji dwar il-moviment tal-kapital u dwar il-pagamenti għar-rigward tal-pajjiżi terzi in kwistjoni.*

[1] Opinjoni Nru 2/00 tas-6 ta’ Diċembru 2001 dwar il-Protokoll ta’ Cartagena [2001] ECR I-9713.

*(...)*

Artikolu 301

*Meta jkun hemm, f'posizzjoni komuni jew azzjoni konġunta adottata skond il-provvedimenti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw il-politika komuni barranija u ta' sigurtà, provvedimenti għal xi azzjoni mill-Komunità biex tinterrompi jew tnaqqas, parzjalment jew kompletament,ir-relazzjonijiet ekonomiċi ma' xi pajjiż terz wieħed jew iktar. Il-Kunsill għandu jieħu l-miżuri urġenti neċessarji. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.*

Artikolu 308

*Jekk tkun tidher il-ħtieġa li l-Komunità tieħu azzjoni biex jintlaħaq xi wieħed mill-għanijiet tal-Komunità, fit-tħaddim tas-suq komuni, u jekk dan it-Trattat ma jkunx ipprovda l-poteri meħtieġa, il-Kunsill għandu b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jieħu l-passi xierqa.*

*Il-bażi legali proposta wara Lisbona*

Il-Kummissjoni u l-Presidenza Svediża jipproponu l-adozzjoni tat-tliet miżuri in eżami fuq il-bażi tal-Artikolu 215 TFUE, li jgħid kif ġej

*Il-Ħames Parti - L-Azzjoni Esterna ta' l-Unjoni*

*Titolu IV – Il-Mizuri ristrettivi*

*Artikolu 215*

*1. Meta deċiżjoni, li tiġi adottata skond il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tipprevedi l-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta konġunta tar-rappreżentant għoli ta' l-Unjoni għall-affarijiet barranin u l-politika ta' sigurtà u tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa. Għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bihom.*

*2. Meta deċiżjoni li tkun adottata skond il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tipprevedi hekk, il-Kunsill jista' jadotta miżuri restrittivi taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 1 kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux Statali.*

*3. L-atti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar salvagwardji legali.*[1]

Min-naħa tiegħu, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistaqsi jekk il-bażi legali tistax tintuża konġuntament mal-Artikolu 75 TFUE:

[1] Enfasi miżjud.

*It-Tielet Parti – Politika u Azzjonijiet Interni Tal-Unjoni*

*Titolu V – L-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja*

*Kapitolu 1 Dispożizzjonijiet ġenerali*

*Artikolu 75 (ex Artikolu 60 TKE)*

*Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi previsti fl-Artikolu 67, fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet marbuta ma' dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolamenti skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jiddefinixxu qafas għal miżuri amministrattivi fir-rigward tal-movimenti ta' kapital u ta' pagamenti, bħall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji jew benefiċċji ekonomiċi li jappartjenu lil, jew li jkunu proprjetà ta', jew miżmuma minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux statali.*

*Il-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni għandu jadotta miżuri sabiex jimplimenta l-qafas imsemmi fl-ewwel subparagrafu.*

*L-atti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar salvagwardji legali.*[1]

*L-għan u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni proposti*

*1. Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban (COM(2009) 187 finali)*

Fis-27 ta' Mejju 2002, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimplimenta wħud mill-elementi tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1267(1999) u 1390(2002) u b'mod partikolari l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' individwi u entitajiet inklużi fil-lista mfassla min-NU għal dan il-għan.

L-emendi ewlenin għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet li ġejjin:

- **id-definizzjoni ta' "grupp terroristiku"** fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠIA dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, twessgħet. Għal dan il-fini, l-Anness I għandu jkopriu l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet, korpi u gruppi nominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban.
- **tagħrif aħjar:** il-Kummissjoni għandha tkun tista' tieħu deċiżjoni qabel tinforma lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat bir-raġunijiet għall-elenkar. Ir-raġunijiet għall-elenkar għandhom jiġu notifikati lil dik il-persuna, entità, korp jew grupp mingħajr dewmien bla bżonn, wara li dik id-deċiżjoni tkun ġiet ippubblikata, biex tagħti lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat l-opportunità biex b'mod effettiv iwasslu il-veduti tagħhom. Waqt li l-Kummissjoni għandha tagħmel sforz biex tinnotifika r-raġunijiet għall-elenkar direttament lill-persuna, l-entità, il-korp jew il-grupp ikkonċernat,

[1] Enfasi mogħtija.

din in-notifika tista' ma tkunx possibbli f'ċerti każi minħabba dettalji ta' kuntatt mhux kompluti jew in-nuqqas totali tagħhom. F'dawn il-każi, għandha tkun ippubblikata notifika fil-*Ġurnal Uffiċjali* biex tinforma lil dawk ikkonċernati bil-proċeduri applikabbli;

- **il-projbizzjoni ta' kull tip ta' assistenza għal attivitajiet militari:** artikolu ġdid jiddisponi li għandu jkun ipprojbit il-forniment, diretta jew indirett, ta' pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ rilevanti għal attivitajiet militari, li jinkludu b'mod partikolari taħriġ u għajnuna relatata mall-manifattura, manteniment u użu ta' armi u materjali relatat ta' kull tip, lil kull persuna naturali jew ġuridika, entità, korp jew grupp imniżżel fl-Anness I;

- **emenda għal-lista tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU:** fejn in-Nazzjonjiet Uniti jiddeċiedu li jħassru persuna naturali jew ġuridika, entità, korp jew grupp, jew li jemendaw id-data li tidentifika l-persuna, entità, korp jew grupp elenkat, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I bl-istess mod;

- **trattament ta' informazzjoni klassifikata** jekk in-NU jew Stat jibgħat tagħrif kklassifikat, il-Kummissjoni għandha tittratta dan it-tagħrif skont id-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA Euratom, u fejn applikabbli, il-ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni klassifikata bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat li qed jibgħat din l-informazzjoni. Id-dokumenti kklassifikati fuq livell li jikkorispondi għal 'UE l-Ogħla Segretezza', 'UE Sigriet' jew 'UE Kunfidenzjali' m'għandhomx ikunu rilaxxati mingħajr il-kunsens ta' min kitibhom;
- **l-ipproċessar tad-data marbuta ma' reati:** il-Kummissjoni tista' tipproċessa d-data relevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa mill-persuni naturali elenkati, u kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà dwar dawn il-persuni, biss safejn dan l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-preparazzjoni ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet u r-reviżjoni tal-opinjonijiet magħmula mil-persuna naturali kkonċernata, soġġetti għal salvagwardji speċifiċi xierqa. Din id-data ma għandhiex toħroġ fil-pubbliku jew tiġi skambjata.

*2. Il-Proposta għal regolament tal-Kunsill li jamenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigwad taż-Żimbabwe (COM(2009)0395 finali)*

Fit-18 ta' Frar 2002, il-Kunsill iddeċieda li jimponi miżuri restrittivi fuq iż-Żimbabwe b'risposta għall-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi vjolazzjonijiet tal-libertajiet ta' opinjoni, assoċċjazzjoni u assemblea paċifika f'dak il-pajjiż (Pożizzjoni Komuni 2002/145/PESK). Fid-dawl tat-tħassib kontinwu tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe, il-Kunsill sussegwentment adotta Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK biex jestendi u jemenda l-miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe.

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK tistipula li l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għandu jkun japplika għall-"membri tal-Gvern taż-Żimbabwe u l-persuni kollha fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom" kif imniżżla fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni. Permezz tal-Pożizzjoni Komuni 2008/632/PESK, il-Kunsill wessa' dan l-ambitu billi żied "persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn li l-attivitajiet tagħhom joħolqu minaċċja serja għad-demokrazija, għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe".

Ir-Regolament (KE) Nru 314/2004 jimplimenta l-miżuri restrittivi disposti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK. Dar-regolament jiddisponi għall-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li **ma għandhomx rabtiet mar-**

**reġim li qed jiggverna ż-Żimbabwe**. L-għan tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 hu li jwassal għat-tmiem ta' vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe bl-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi kontra l-Gvern taż-Żimbabwe, dawk li għandhom ir-responsabbiltà primarja għal tali vjolazzjonijiet u dawk li jikkommettuhom.

Barra minn hekk, dispożizzjoni biex tikkjarifika dwar **il-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata** li tista' tkun ipprovduta biex issostni deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

Sabiex tinħoloq **l-ogħla ċertezza legali** fi ħdan il-Komunità, l-ismijiet u data oħra relevanti fir-rigward ta' persuni naturali jew ġuridiċi, entitatijiet u korpi, li għandu jkollhom il-fondi tagħhom iffriżati skont ir-Regolament Nru 314/2004 **għandhom ikunu pubbliċi**. L-ipproċessar mill-Kummissjoni ta' data relevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa minn persuni naturali elenkati, u kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-persuni għandhom ikunu awtorizzati soġġetti għal salvagwardji speċifiċi xierqa.

*3. Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja (COM(2009) 393 finali)*

Din il-proposta għandha l-iskop li timponi miżuri restrittivi fuq ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fis-Somalja.

Fil-20 ta’ Novembru 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1844(2008) li kkonfermat l-embargo tal-armi ġenerali u komplet kontra s-Somalja u daħħlet aktar miżuri restrittivi kontra dawk li jagħtu appoġġ lil atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabilità tas-Somalja u dawk li aġixxew bi vjolazzjoni tal-embargo tal-armi jew li xekklu l-għoti tal-assistenza umanitarja lis-Somalja. Il-miżuri restrittivi addizzjonali jikkonċernaw miżuri restrittivi ta' ammissjoni u dawk finanzjarji kontra individwi u entitajiet li tfasslu mill-Kumitat kompetenti tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti. Barra mill-embargo ġenerali tal-armi li qiegħed fis-seħħ, ir-riżoluzzjoni tintroduċi projbizzjoni speċifika fuq il-forniment, il-bejgħ u t-trasferiment dirett u indirett ta’ armi u tagħmir militari u projbizzjoni speċifika fuq il-provvista ta’ għajnuna u servizzi relatati, lil individwi u entitajiet elenkati mill-Kumitat.

Il-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK ikkonfermat il-miżuri restrittivi li kienu ġew applikati sa mill-2002 u għamlet dispożizzjoni għal miżuri addizzjonali kontra individwi u entitajiet identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti. B’danakollu, uħud mill-miżuri li previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK, jiġifieri l-projbizzjoni tal-provvista ta’ assistenza teknika u finanzjarja u servizzi lill-individwi u l-entitajiet elenkati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU, u l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi tal-imsemmija individwi u entitajiet, jidħlu fl-ambitu tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 impona projbizzjoni ġenerali fuq il-għoti ta’ assistenza, taħriġ, jew assistenza finanzjarja marbuta ma’ attivitajiet militari, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Somalja.

Il-proposta tiddisponi li **l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha** li jappartjenu, qegħdin fil-pussess jew huma kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, jew korpi elenkati elenkati fir-Regolament għandhom jiġu ffriżati. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jkun magħmul disponibbli lilhom, la direttament u lanqas indirettament.

L-Anness I jelenka l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi nnominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'konformità mar-Riżoluzzjoni 1844 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

B'**deroga** minn dan, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif elenkat fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulhom xierqa, ir-rilaxx ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk kemm-il darba l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu neċessarji għalbiex ikunu sodisfatti l-ħtiġiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness I, u l-membri tal-familji tagħhom li jkunu jiddependu minnhom, inklużi wkoll il-pagamenti għall-ikel, il-kera u l-ipoteka fuq id-dar, il-mediċini u l-kura medika, eċċ.

Il-proposta tiddisponi wkoll li għandu jiġi pprojbit li weħed jipprovdi direttament jew indirettament, xi wieħed minn dawn li ġejjin lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat f'Anness I: assistenza teknika relatata ma' **attivitajiet militari** u mal-provvista, il-bejgħ, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea. Tipprojbixxi wkoll il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja marbuta ma' attivitajiet militari.

<u>*Id-deċiżjoni fil-każ Kadi*</u>

Fil-Każ C-402/05 P *Kadi and Al Barakaat International Foundation v. Kunsill u Kummissjoni*[1], il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet il-bażi legali tal-Artikoli 60, 301 u 308 TKE għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaeda u t-Taliban, imma rrikonoxxiet il-ħtieġa tal-protezzjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-appellanti li kienu allegaw li l-jedd tagħhom għas-smigħ xieraq u għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva kien safa vvjolat.

<u>*L-Artikoli 75 u 215 tat-Trattat ta' Lisbona*</u>

It-Trattat ta' Lisbona jiddisponi distinzjoni ċara bejn is-sanzjonijiet derivanti mill-elenki awtonomi ġestiti mill-UE, li jidħlu fl-ambitu tal-Artikolu 75 tat-TFUE, u huma marbutin mal-azzjoni interna tal-Unjoni, u dawk derivanti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU, li jidħlu fl-ambitu tal-Artikolu 215 tat-TFUE u huma marbutin mal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Fil-każ tal-Artikolu 75, tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma kompetenti biex "***jiddefinixxu l-qafas għal miżuri amministrattivi*** *dwar il-movimenti tal-kapital u l-ħlasijiet, bħall-iffriżar tal-fondi, l-attiv finanzjarju jew il-qligħ ekonomiku li jappartjeni, li hu fil-pussess jew li hu miżmum minn* ***persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u gruppi jew entitajiet li mhumiex statali***", imma l-Kunsill waħdu jista' jadotta miżuri operattivi speċifiċi.

Fil-każ tal-Artikolu 215, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, wara li jkun ingħata proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Kummissjoni. Għandu dmir biss li jinforma lill-Parlament. L-Artikolu 352 tat-TFUE, li ħa post l-Artikolu 308 tat-TKE, ma għadx għandu relevanza ladarba l-paragrafu 4 tiegħu jiddisponi li ma għadux applikabbli fil-kuntest tal-PESK.

[1] [2008] Il-Ġabra I-6351.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-proposti li qegħdin jiġu eżaminati, qiegħed jitqies li l-proposti għar-regolamenti tal-Kunsill li jikkonċernaw ċerti miżuri restrittivi speċifiċi f'dak li għandu x'jaqsam maż-Żimbabwe u ċerti miżuri speċifiċi diretti lejn persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi minħabba fis-sitwazzjoni fis-Somalja, għandhom ikunu bbażati biss fuq l-Artikolu 215 TFUE, billi għandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi speċifiċi u huma maħsubin biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' pajjiżi terzi.

B'dana kollu, għal dak li għandu x'jaqsam mal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jkun jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, huwa almenu diskutibbli li l-Artikolu 75 jikkostitwixxi l-bażi legali xierqa, billi l-objettiv huwa l-prevenzjoni tat-terroriżmu u attivitajiet relatati magħmulin minn entitajiet non-statali, u l-ġlieda kontra l-istess. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest huwa diffiċli li ssir id-distinzjoni bejn it-theddidiet "esterni" u dawk "interni", billi l-operaturi ta' tali organizzazzjoni jistgħu jkunu involuti fit-terroriżmu fl-UE u jistgħu jkunu ċittadini tal-Unjoni. It-taqbida kontra t-terroriżmu, li hija l-objettiv u l-fini ta' din il-proposta, ma tinvolvix biss l-azzjoni esterna min-naħa tal-UE.

Barra minn hekk, it-terroriżmu jivvjola l-valuri universali tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà, tar-rispett għall-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-persuni li joqogħdu fit-territorju tal-UE[1]. L-importanza tat-taqbida kontra t-terroriżmu bħala objettiv intern tal-UE hija minquxa espliċitament fl-Artikolu 75 tat-Trattat ta' Lisbona. Dan juri l-intenzjoni tal-Istati Membri li jikkooperaw fl-impożizzjoni ta' miżuri, bħalma huma l-iffriżar tal-fondi, l-aspetti finanzjarji u l-kisbiet ekonomiċi, għall-finijiet tat-taqbida kontra t-terroriżmu. It-terroriżmu jista' jseħħ fit-territorju tal-UE u, b'dan il-mod, jista' jiġu argumentat li l-Artikolu 75 bħala *lex specialis* in relazzjoni għall-Artikolu 215, għar-*ratione materiae* tat-taqbida kontra t-terroriżmu, għandu jikkostitwixxi l-bażi legali għal din il-proposta għal regolament.

B'danakollu, huwa għalkollox impossibbli li ż-żewġ bażijiet legali tal-Artikoli 215 u 75 TFUE jitwaħħdu, billi jinvolvu proċeduri leġiżlattivi inkompatibbli. Fil-każ tal-Artikolu 215, *il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, wara li jkun ingħata proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Kummissjoni, u l-Parlament Ewropew kulma jiġri hu li jiġi infurmat. Fil-każ tal-Artikolu 75, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaġixxu permezz tar-regolamenti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.*

Għandu jiġu nnutat ukoll li ż-żewġ artikoli għandhom dispożizzjoni identika: *L-atti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu* ***disposizzjonijiet meħtieġa dwar salvagwardji legali***. Jitqies li l-ebda waħda minn dat-tliet proposti li qegħdin jiġu eżaminati ma tissodisfa dan ir-rekwiżit hekk kif inhi. Inoltre, fid-dawl tad-deċiżjoni *in re Kadi* u tal-ħtieġa tal-koerenza u l-konsistenza li għandhom jikkaratterizzaw l-atti leġiżlattivi kollha tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett għall-jeddijiet fundamentali, jitqies li d-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji legali msemmijin fiż-żewġ artikoli għandhom mill-anqas ikunu kkoordinati u hemm argument f'saħħtu favur il-ħolqien ta' mekkaniżmu li jkun jinvolvi kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Parlament bil-għan li jinkiseb dan il-koordinament.

Ladarba dan ir-rekwiżit għad-dispożizzjonijiet neċessarji għas-salvagwardja legali ma huwiex

[1] Ara d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar it-taqbida kontra t-terroriżmu (2002/475/ĠIA)

sodisfatt u ladarba l-proposti kollha huma proposti tal-Kummissjoni u mhux tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Kummissjoni, il-proposti huma difettużi u ma jistgħux jiġu adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215.

*Il-kwestjoni tal-"konsultazzjoni fakultattiva"*

L-involviment tal-Parlament Ewropew fil-politika barranija u ta' sigurtà komuni huwa ristrett. B'dana kollu, fl-imgħoddi l-involviment informali tal-Parlament Ewropew kien inkiseb f'bosta aspetti. *Id-Dikjarazzjoni Solenni dwar l-Unjoni Ewropea* ffirmata mill-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern fi Stuttgart nhar id-19 ta' Ġunju 1981 daħħlet il-konsultazzjoni *fakultattiva* mal-Parlament Ewropew.[1] Il-Paragrafu 2.3.7 ta' dik id-Dikjarazzjoni jgħid hekk:

> *oltre l-konsultazzjonijiet disposti fit-Trattati f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti akkordji internazzjonali, l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew għandha tinkiseb qabel:*
> *– il-konklużjoni ta' akkordji internazzjonali importanti oħrajn mill-Komunità,*
> *– it-tisħib ta' Stat fil-Komunità Ewropea.*
> *Il-proċeduri eżistenti li bihom il-Parlament Ewropew jingħata informazzjoni kunfidenzjali u mhux uffiċjali dwar il-progress fin-negozjati għandhom jiġu estiżi, wara li jittieħed kont tar-rekwiżiti tal-urġenza, għal kull akkordju internazzjonali importanti konkluż mill-Komunitajiet.*

Din id-dikjarazzjoni kienet unilaterali u volontarja. Billi t-Trattat ta' Lisbona jiżgura li l-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-konklużjoni tal-akkordji internazzjonali u li l-Artikolu 215 TFUE jiddisponi espressament li l-Parlament Ewropew għandu jkun biss infurmat, l-unika konklużjoni possibbli hija li l-Istati Membri riedu b'mod speċifiku jirrestinġu l-involviment tal-Parlament Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri li hemm dispost għalihom fl-Artikolu 215 TFUE. Il-konsultazzjoni fakultattiva mal-Parlament ma hija xejn aktar minn dak li tgħid li hi, jiġifieri deċiżjoni volontarja min-naħa tal-Kunsill li jikkonsulta mal-Parlament fejn ma għandu l-ebda obbligu li jagħmel dan. Għalhekk ma hemm l-ebda bażi legali għall-konsultazzjoni fakultattiva tal-Parlament fil-kuntest tal-Artikolu 215 TFUE.

Fin-nuqqas ta' konsultazzjoni mal-Parlament u minħabba l-eżistenza ta' dispożizzjoni identika fl-Artikolu 75 u 215 fis-sens li *l-atti msemmijin f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu* ***dispożizzjonijiet neċessarji għas-salvagwardji legali, il-Parlament għandu jħabrek għalbiex jipperswadi lill-Kunsill jidħol*** f'akkordju interistituzzjonali skont it-termini tal-Artikolu 295 TFUE dwar il-koordinament ta' tali salvagwardji. Tali akkordju għandu jkun legalment vinkolanti bħala riżultat tat-Trattat ta' Lisbona. B'danakollu, jekk tali akkordju jsirx jew le ma hijiex kwestjoni legali imma politika.

Dan iwassal biex ikunu żgurati mhux biss grad ta' parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew imma wkoll għalbiex l-objettivi tal-Unjoni Ewropew kif minquxa fit-Trattat ta' Lisbona jitmexxew 'il quddiem, b'mod partikolari biex ikun żgurat l-ogħla standard ta' protezzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem u tal-prinċipju tad-demokrazija rappreżentattiva. Għandu wkoll jinżamm quddiem għajnejna li skont it-termini tal-Artikoli 7 u 8 tal-TFUE, l-Unjoni Ewropea

[1] Dikjarazzjoni Solenni dwar l-Unjoni Ewropea (Stuttgart, 19 ta' Ġunju 1983), Bullettin tal-Komunitajiet Ewropej, Ġunju 1983, Nru 6, pp. 24-29.
http://www.ena.lu/solemn_declaration_european_union_stuttgart_19_june_1983-2-7725.pdf

għandha tiżgura l-konsistenza bejn il-politiki u l-attivitajiet tagħha u l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, billi tieħu kont tal-objettivi tagħha kollha.

Il-kumitat eżamina l-kwistjonijiet imsemmija aktar ’il fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Novembru 2009.

F’dik il-laqgħa, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda in konsegwenza għalenija, bi 13-il vot favur u l-ebda astensjoni, li jirrakkomanda dan li ġej:

1. Il-bażi legali li toqgħod għall-*proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi f’dak li għandu x’jaqsam maż-Żimbabwe (COM(2009) 395 finali)* u l-*proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi minħabba fis-sitwazzjoni fis-Somalja (COM(2009) 393 finali)* hija <u>l-Artikolu 215 TFUE</u>.

2. B’dana kollu, sabiex tiġi adottata miżura skont it-termini tal-Artikolu 215 TFUE, għandhom jiġu sodisfatti għadd ta’ kondizzjonijiet:

   (a) għandu jkun hemm deċiżjoni dwar l-interruzzjoni jew ir-riduzzjoni, in parti jew għalkollox, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma’ pajjiż terz wieħed jew aktar, adottati skont it-termini tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

   (b) il-miżuri għandha tkun bbażata fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni;

   (c) il-miżura għandha tinkludi d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar is-salvagwardji legali.

   <u>Ladarba dawn il-kondizzjonijiet ma humiex sodisfatti, il-proposti in kwestjoni huma difettużi.</u>

3. Il-bażi legali t-tajba għall-proposta *għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-netwerk ta’ Al-Qaida u t-Taliban (COM(2009) 187 finali)* hija <u>l-Artikolu 75 TFUE</u>.

4. <u>Bażi legali doppja konsistenti fl-Artikoli 75 u 215 TFUE hija impossibbli billi jiddisponu għal żewġ proċeduri leġiżlattivi inkompatibbli.</u>

5. <u>Ma hemm l-ebda bażi legali għall-konsultazzjoni fakultattiva tal-Parlament fil-kuntest tal-Artikolu 215 TFUE.</u>

Dejjem tiegħek,

Klaus-Heiner Lehne